AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL
17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

**Stqarrija għall-Media**
**5 ta’ Ottubru 2022**

# Multa ta’ €7,000 għal Persuna li Jħaddem Minħabba Inċident fuq il-Post tax-Xogħol

Direttur ta’ kumpanija ġie mmultat €7,000 għal diversi nuqqasijiet ta’ saħħa u sigurtà li wasslu biex ħaddiem weġġà gravi fuq il-post tax-xogħol. Kien hemm numru ta’ nuqqasijiet fosthom rigward evalwazzjoni tar-riskju, nuqqas ta’ lqugħ adegwat biex jiġu evitati waqgħat mill-għoli, it-tagħmir protettiv personali, l-ewwel għajnuna kif ukoll li ma tax widen tad-direzzjoni tas-supervisor tal-proġett. Il-każ li kien seħħ f’Settembru tal-2014, ġie deċiż mill-Maġistrat Dr Simone Grech LLD.

Hu nstab ħati li naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li setgħu ġew affettwati mix-xogħol li kien qed isir. Naqas ukoll li jagħmel, jew jiżgura li ssir evalwazzjoni tar-riskju xierqa tal-perikli kollha li setgħu kienu preżenti fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkonċernaw kull attività ta’ xogħol, kif ukoll ir-riskji tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li jistgħu jkunu esposti għalihom.

L-akkużat instab ħati wkoll li bħala persuna li tħaddem, naqas li jieħu l-miżuri neċessarji biex jevita waqgħat mill-għoli, partikolarment bl-użu ta’ bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta’ l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jiżgura li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b’apparat speċjali jew bl-użu ta’ l-apparat ta’ protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà, jew jekk mhux possibbli, li jipprovdi u jara li jintużaw mezzi adatti ta’ l-aċċess u arnessi ta’ sigurtà jew metodi ta’ ankraġġ oħra ta’ sigurtà. Naqas ukoll li jiżgura li poġġamani ta’ protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien.

Fil-kapaċità tiegħu ta’ kuntrattur, huwa nstab ħati li ma ppreservax is-saħħa u s-sigurtà fuq sit ta’ kostruzzjoni, jieħu miżuri li jkunu jaqblu mal-bżonnijiet minimi stabbiliti u li ma tax widen tad-direzzjoni tas-supervisor tal-proġett.

Bħala persuna li jħaddem, huwa nstab ħati ta’ numru ta’ nuqqasijiet fir-rigward ta’ tagħmir protettiv personali fosthom li naqas li jiżgura li dan it-tagħmir ikun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikati bil-liġi, li jintlibes għal ħin adegwat skont kemm ikunu serji r-riskji, il-frekwenza ta’ kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta’ kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali, fost oħrajn. Minbarra f’hekk, naqas li jiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u li jkun miżmum u jiffunzjona tajjeb. Naqas ukoll li jara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali jkun avżat dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu minnhom. Naqas ukoll li jiżgura li jigi kkonsultat ir-rappreżentant għas-saħħa u s-sigurta’ tal-ħaddiema.

L-imputat instab ħati wkoll li naqas li jiżgura li f’kull waqt ikun hemm persuni li jagħtu l-ewwel għajnuna lill-impjegati tagħkom jekk ikorru jew jimirdu fuq il-post tax-xogħol skont ma jkun adegwat u xieraq fiċ-ċirkostanzi. Naqas ukoll li milli jipprovdi u jiżgura aċċess ta’ malajr għall-ewwel għajnuna meta din tkun meħtieġa billi jipprovdi tagħmir u faċilitajiet li jkunu adegwati u adatti fiċ-ċirkostanzi u li jinkludu kaxxa għall-ewwel għajnuna. Fl-aħħarnett, huwa naqas ukoll li jipprovdi faċilitajiet għall-ewwel għajnuna meta l-impjegati jintbagħtu jaħdmu barra mill-post normali tax-xogħol prinċipali tagħhom.

- tmiem –